# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2017**

**Kawża Nru. 31**

**Rik. Nru. 322/04JRM**

Paul **FORMOSA** u martu Claire Formosa

vs

**BRIGADIER FORZI ARMATI TA' MALTA**, u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Saħħa

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Mejju, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, responsabbli għall-inċident li seħħ fit-22 ta' April, 2002 waqt il-ħin tax-xogħol f'liema inċident l-attur sofra danni fuq il-persuna tiegħu, kif ukoll għad-danni konsegwenzjali li huwa sofra b'riħet l-istess inċident u b'riħet in-nuqqas ta' ħila fl-eżerċizzju tal-professjoni tat-tobba mediċi; (b) tillikwida d-danni mġarrba, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit minnha maħtur; u (ċ) tikkundannhom, jew min minnhom, iħallsuhom l-ammont ta' danni hekk likwidat. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-27 ta' Mejju, 2004, li biha l-Kmandant tal-Forzi Armati laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad kull responsabbilta' u qal li d-danni li ġarrab l-attur huma effett ta' aċċident u mhux dovuti għal xi nuqqas min-naħa tiegħu, għaldaqstant m'għandux ibati spejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-3 ta' Ġunju, 2004, mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, li biha preliminarjament jgħid li r-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa hija f'idejh mhux fid-Direttur tas-Saħħa skond l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u li l-azzjoni attriċi, safejn saret kontrih, ma tiswiex u bla effett billi ebda fatt espost fiċ-Ċitazzjoni ma jirreferi għalih, u dan bi ksur tal-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u li mhuwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża billi ma kienx responsabbli għall-inċident. Fil-mertu, laqa' billi qal li huwa ma jirrispondix għad-danni reklamati billi fil-konfront tiegħu lanqas biss ma ġiet allegata l-'*culpa in eligendo*', filwaqt li mart l-attur ma għandha ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri billi d-danni pretizi huma personali għall-attur meta kien pazjent;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta' Lulju, 2004[1], li bih, fuq talba magħmula f'isem l-atturi u fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-imħarrek Direttur tas-Saħħa, ordnat il-bidla fl-"okkju" tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta' Lulju, 2004[2], li bih ħatret lill-kirurgi Profs. Godfrey Laferla u Frederick Żammit Maempel bħala esperti mediċi sabiex jeżaminaw lill-attur u jirrelataw bil-miktub dwar id-debilita' permanenti li seta' ġarrab bħala konsegwenza tal-fatti rilevanti għal din il-kawża;

Rat ir-Rapport imressaq mill-esperti mediċi tal-Kirurgi Profs. Godfrey Laferla u Frederick Żammit Maempel fit-18 ta' Settembru, 2004[3], u minnhom maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-21 ta' Novembru, 2005;

Rat in-Nota tad-29 ta' Novembru, 2005[4], li biha l-atturi rriżervaw id-dritt li jitolbu l-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali;

Rat ix-xhieda mismugħa quddiem il-Qorti;

Rat id-degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-10 ta' Novembru, 2010[5], li bih ħatret lill-Avukat Anna Mallia bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi tal-imħarrkin;

---

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] *Ibid*
[3] Paġġ. 41 – 7 tal-proċess
[4] Paġ. 48 tal-proċess

Rat ix-xhieda miġbura mill-istess Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tat-8 ta' Frar, 2012[6], li bih laqgħet talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tas-6 ta' Frar, 2012, biex l-imħallef sedenti jastjeni milli jibqa' jisma' aktar il-kawża billi fil-kapaċita tiegħu ta' Maġistrat kien diġa ppronunzja ruħu b'mod definittiv fil-mertu kontra l-attur;

Rat li b'ordni ta' surroga tal-23 ta' Frar, 2012[7], din il-kawża kienet assenjata lill din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-attur waqt is-smigħ tad-9 ta' Lulju, 2012[8], li biha għarraf lill-Qorti li ma kienx għadu jisħaq fuq it-talba għall-ħatra ta' Periti Addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Frar, 2013[9], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-20 ta' Marzu, 2013[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Tabib Prinċipali tal-Gvern tas-17 ta' Mejju, 2013[11], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Brigadier tal-Forzi Armati tal-20 ta' Mejju, 2013[12], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal danni mġarrba mill-attur f'inċident tat-triq waqt li kien qed jaqdi dmirijietu. L-attur ġie mitlub isuq trakk waqt li kien fuq xogħol meta skidja u baqa dieħel ġo vettura oħra u ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux. L-attur jixli

[5] Paġ. 190 tal-proċess
[6] Paġ. 260 tal-proċess
[7] Paġ. 263 tal-proċess
[8] Paġ. 271 tal-proċess
[9] Paġ. 296 tal-proċess
[10] Paġġ. 297 – 300 tal-proċess
[11] Paġġ. 302 – 9 tal-proċess
[12] Paġġ. 318 – 322 tal-proċess

lill-imħarrek Brigadier, bi traskuraġni u billi naqas li jieħu dawk il-miżuri u prekawzjonijiet meħtieġa li setgħu waslu biex jiġi evitat l-inċident, filwaqt li jixli lill-imħarrek Tabib Prinċipali tal-Gvern b'negligenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħila fl-eżerċizzju tal-professjoni mit-tobba li l-attur kien taħt il-kura tagħhom wara l-inċident;

Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi, lkoll ċaħdu kull responsabbilta' f'dak li l-attur jgħid li ġaralu. L-imħarrek Kap Kmandant tal-Forzi Armati ċaħad kull responsabbilta' u qal li d-danni li ġarrab l-attur huma effett ta' aċċident u mhux dovuti għal xi nuqqas min-naħa tiegħu u għalhekk ma kellux ibati spejjeż. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern laqa' kemm b'eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari u kif ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu. Dwar l-aspetti preliminari, laqa' billi qal li r-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa hija f'idejh mhux fid-Direttur tas-Saħħa skond l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u li l-azzjoni attriċi, safejn saret kontrih, ma tiswiex u bla effett billi ebda fatt espost fiċ-Ċitazzjoni ma jirreferi għalih, u dan bi ksur tal-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u li mhuwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża billi ma kienx responsabbli għall-inċident. Fil-mertu, laqa' billi qal li huwa ma jirrispondix għad-danni reklamati billi fil-konfront tiegħu lanqas biss ma ġiet allegata l-'*culpa in eligendo*', filwaqt li mart l-attur ma għandha ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri billi d-danni pretizi huma personali għall-attur meta kien pazjent;

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern, kien ingħata l-provvediment meħtieġ u ssewwew l-atti tal-kawża;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li l-attur kien suldat fil-Forzi Armati ta' Malta. Kien ilu ingaġġat mal-Forzi Armati sa minn Lulju tal-1985[13] wara li kien għamel żmien iservi fid-Dejma. Huwa kien jaħdem bħala bugħaddas fit-taqsima tal-*Bomb Disposal* u kien ibbażat f'Manoel Island[14];

Illi nhar it-22 ta' April, 2002, l-attur intalab mis-superjuri tiegħu biex jieħu xi baħrin tal-Forza Navali Franċiża u xi Maltin lejn Wied iż-Żurrieq biex jgħoddsu. Dan kellu jagħmlu bi trakk tal-Forzi Armati ta' Malta tal-għamla *Bedford T.K.* bin-numru ta' reġistrazzjoni GVA-018, liema vettura kienet mibnija fl-1970 u reġistrata l-ewwel darba f'Malta mill-Forzi Armati fl-1996[15]. Jirriżulta li t-trakk ittieħed minn Ħal Far sa Manoel Island fil-21 ta' April, 2002,

[13] Xhieda ta' Alexander Caruana f'paġ. 240 tal-proċess
[14] Xhieda tiegħu f'paġ. 21 tal-proċess
[15] Dok "RC2", f'paġ. 202 tal-proċess

u min saqu eżaminah qabel telaq[16] wara li kien ordnat li jagħmel dan minn superjur tiegħu li wkoll jgħid li t-trakk eżamina l-kundizzjoni tiegħu[17]

Illi qabel rikkeb in-nies, l-attur jgħid li għamel il-"*first parade*", jiġifieri iċċekkja l-ilma u ż-żejt tat-trakk, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu. Hu kien is-sewwieq u fil-kabina kien riekeb ħdejh il-bumbardier Tony Bonello. Meta telaq minn Manoel Island, mar jgħabbi lill-baħrin Franċiżi mix-Xatt ta' Pinto, fil-Floriana, u minn hemm ġibed għad-direzzjoni taż-Żurrieq. Il-baħrin Franċiżi u l-Maltin l-oħrajn kienu rekbin fil-kabina fuq wara. Kien hemm għaxra min-nies fit-trakk, magħdud l-attur sewwieq;

Illi fit-triq bdiet traxxax ix-xita u, meta beda nieżel in-niżla li twassal għal Wied iż-Żurrieq (li hija triq li sserrep u b'aktar minn liwja waħda), it-trakk misjuq minnu skiddja fl-ewwel liwja għal tul ta' ftit metri, sab ruħu fuq in-naħa l-oħra tat-triq u ħabat ma' vettura (vann kummerċjali) ġejja mid-direzzjoni opposta għat-telgħa[18]. Mad-daqqa, t-trakk kellu ħsara fuq in-naħa tal-lemin ta' quddiem[19]. It-trakk kien "*right-hand drive*". Jirriżulta wkoll li, bejn is-17 ta' April, 2002 u dakinhar tal-inċident, it-trakk instaq mill-anqas tliet (3) darbiet oħrajn minn irġiel tal-Forzi Armati u wkoll biex inġarru n-nies fih[20];

Illi l-attur korra mal-ħabta[21] u ttieħed l-isptar jilmenta minn uġigħ f'saqajh u f'żaqqu. Ħadulu r-raġġi fit-Taqsima tal-Emerġenza ġewwa l-isptar, u sarlu *CT Scan* taż-żaqq u *pelvis*, iżda filwaqt li rriżulta li kellu ksur ta' għadma tas-sieq il-leminija u ksur tal-galletta tal-irkobba leminija, ir-riżultat tat-testijiet taż-żaqq u tal-pelvis ħarġu tajbin. Fl-24 ta' April, 2002, l-attur ġie operat minn naħa tal-ortopedija f'riġlu l-leminija, filwaqt li fis-26 ta' April, l-attur ġie operat fil-musrana wara li lmenta minn uġigħ qawwi f'żaqqu[22]. Huwa qatta' xi jiem fit-Taqsima tat-Terapija Intensiva, ġarrab infezzjoni fil-ġrieħi ta' żaqqu (billi l-ferita mnejn kienu operawh infetħet minn barra), u spiċċa ħareġ mill-Isptar b'żewġ mirek imdaqqsa f'żaqqu li għadhom jidhru sallum[23]. Huwa qatta' b'kollox ftit anqas minn xahar l-isptar u ntbagħat id-dar fl-14 ta' Mejju tal-2002, għalkemm baqa' jidħol għal eżamijiet jew interventi oħrajn bħala "*out-patient*" u saħansitra għall-ħabta ta' Jannar tal-2004 kien tneħħielu biċċa mill-metall li kienu għamlulu fl-irkobba fl-intervent li sarlu f'April tal-2002;

Illi dakinhar tal-inċident, l-attur kellu tlieta u erbgħin (43) sena;

---

[16] Xhieda tas-Surġent Jason Formston f'paġ. 234 tal-proċess
[17] Xhieda tas-Surġent Walter Frendo f'paġ. 235 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda tas-Surġent Tony Bonello f'paġ. 61 – 2 tal-proċess
[19] Dokti "X1" u "X2" f'paġ. 55 tal-proċess
[20] Dok "SD2" sa "SD4", f'paġġ. 227 – 9 tal-proċess
[21] Ara r-Rapport mediku f'paġġ. 46 – 7 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda ta' Dr Andrew Mercieca f'paġġ 87 – 97 u paġ. 138 tal-proċess
[23] Ara x-xhieda ta' Claire Formosa f'paġġ. 167 – 8 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit tal-kirurgi Mark Schembri, Angela Sultana u Joseph Debono f'paġġ. 275 – 8 tal-proċess

Illi mill-provi ħareġ li t-trakk li l-attur intalab isuq kien sarlu l-aħħar *service* fil-11 ta' April, jiġifieri ħdax-il (11) jum qabel l-inċident mertu tal-każ, u kien iċċertifikat li kien fi stat tajjeb biex jinstaq fit-triq[24]. Is-*service* kien jinkludi wkoll eżami tar-roti[25], u t-trakk seta' jinstaq f'kull kundizzjoni, wkoll fix-xita[26]. Jirriżulta wkoll li fil-jiem ta' qabel l-inċident, għalkemm it-trakk intuża minn diversi uffiċjali, ma tressaq ebda ilment li kien b'xi mod difettuż[27]. Wara l-ħabta, reġgħet saret spezzjoni oħra fuq it-trakk fl-24 ta' April, 2002[28], u t-trakk instab li ma kienx tajjeb aktar biex jinstaq u kien "*written off*"[29];

Illi biex uffiċjal seta' jsuq trakk tal-Armata, kien meħtieġ li jkollu liċenzja għal dan il-għan. L-Armata tagħti taħriġ, fost oħrajn, dwar il-proċedura li kellha tiġi segwita mis-sewwieq qabel ma juża t-trakk (dik magħrufa bħala "*first parade*") li timponi obbligu fuq is-sewwieq li jdur it-trakk u jara li m'hemmx nuqqasijiet, inkluż li r-roti jkunu f'kundizzjoni tajba[30]. L-attur jgħid li ma kienx xogħlu li jivverifika r-roti, iżda li t-trakk ikun preżentabbli u li jkun hemm biżżejjed ilma fir-*radiator* u livell xieraq ta' żejt fil-magna[31]. Huwa jikkonferma li qabel ma beda jsuq it-trakk dakinhar tal-inċident, għamel tliet verifiki: ra l-batterija kinetx qed iddawwar, jekk it-trakk kellux biżżejjed ilma fir-*radiator* u ra l-livell taż-żejt[32];

Illi fil-fehma tal-esperti mediċi, fl-inċident mertu tal-każ, l-attur ġarrab diżabilita' permanenti stmata ta' għoxrin fil-mija (20%)[33];

Illi fl-24 ta' Frar, 2003, l-attur ġie mħarrek minn kumpannija assikuratriċi biex jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab sid il-vettura li magħha ħabat it-trakk minnu misjuq fl-inċident ta' nhar it-22 ta' April, 2002. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-3 ta' Diċembru, 2003[34], l-attur instab li waħdu kien jaħti għall-ħabta u kien ikkundannat iħallas id-danni mġarrba mis-sid tal-vettura l-oħra. Ma sar l-ebda appell minn dik is-sentenza;

Illi sadattant fit-13 ta' Ġunju, 2003, l-ingaġġ tal-attur mal-Armata ntemm wara li ġie ċertifikat minn bord mediku li ma kienx f'qagħda li jaqdi aktar dmirijietu fuq il-post tax-xogħol. Huwa baqa' jitħallas il-paga sad-data tat-tmiem tal-impieg tiegħu, u sar eliġibbli għal pensjoni talli weġġa' waqt il-qadi ta' dmirijietu[35];

---

[24] Dok. "RC1" f'paġ. 201 tal-proċess
[25] Ara x-xhieda ta' Raymond Catania f'paġ. 193 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda ta' Martin Vella f'paġ. 210 tal-proċess
[27] *Ibid* f'paġ. 211
[28] Dok "RC4", f'paġġ. 205 – 6 tal-proċess
[29] Xhieda ta' Raymond Catania, f'paġ. 195 tal-proċess
[30] Ara x-xhieda ta' Martin Vella f'paġġ. 211 u 218 tal-proċess. Ara wkoll Dok "SD1" f'paġ. 221 – 6 tal-proċess
[31] Xhieda tiegħu f'paġ. 21 tal-proċess
[32] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 21 – 2 tal-proċess
[33] Ara Rapport Mediku tal-Prof. Godfrey Laferla u Mr Frederick Żammit Maempel f'paġġ. 41 – 7 tal-proċess
[34] Ara Dok. "AFM1" u Dok. "AFM2" f'paġġ. 255 – 9 tal-proċess
[35] Ara x-xhieda tal-kurunell Dr. Robert Galea u dik ta' Joseph Magri f'paġġ. f'paġġ. 174 – 7 u 117 – 9 tal-proċess

Illi fl-20 ta' April, 2004, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali f'din il-kawża huma tnejn. L-ewwel dik marbuta mar-responsabbilta' għall-korriment tal-attur fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tiegħu u wkoll tad-difiżi mressqa mill-imħarrkin li lkoll jiċħdu li għandhom xi responsabbilta'. Imbagħad, wara li jsir tali stħarriġ, hemm il-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni;

Illi l-każ li l-Qorti għandha quddiemha jqajjem elementi partikolari. Fl-ewwel lok, mit-talbiet attriċi nfushom, joħroġ ċar li l-attur isejjes il-każ tiegħu fuq l-elementi tal-ħtija marbuta mal-ħabta li seħħet f'April tal-2002. Fit-tieni lok, l-attur jinvoka l-aspett tan-nuqqas ta' twettiq xieraq tar-responsabbilta' kuntrattwali imposta mil-liġi fuq il-prinċipal tiegħu (li jara li l-impjegat jitqiegħed f'ambjent ta' xogħol li jħarsu mill-periklu u mill-korriment) u fuq it-tobba li ntalbu jikkurawh wara l-imsemmi inċident (li jwettqu s-sengħa professjonali tagħhom b'għaqal u ħila). Fit-tielet lok, l-imħarrek Kap Kmandant tal-Forzi Armati jistrieħ fuq id-difiża tal-aċċident ("*casus*"), filwaqt li l-imħarrek l-ieħor jistrieħ fuq in-nuqqas ta' rabta kawżali bejn l-imsemmija ħabta u l-addebiti li l-attur jagħmel fil-konfront tat-tobba u l-kirurgi li dewwewh, u lejh b'mod partikolari;

Il-Qorti għaldaqstant sejra biex qabel kull ħaġa oħra tistħarreġ dwar **min kien tassew ħati tal-inċident li fih korra l-attur** u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet mressqa mill-imħarrkin;

Illi bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma' dak li għadda minn għalih l-attur. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih. Huwa l-obbligu ta' l-attur li jġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu u l-korriment waħdu marbut max-xogħol li kien qiegħed jagħmel dak il-ħin ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu. It-teżi waħdanija tal-attur hija li l-Brigadier imħarrek naqas li jħaddem sistema tajjeb u xieraq biex saħħtu ma titqiegħedx f'periklu waqt li kien qed jaħdem magħha. Huwa jgħid li korra waqt li kien qiegħed jaħdem u waqt li kien qed jagħmel dak li tqabbad jagħmel. Minn naħa l-oħra, fil-konfront tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern, l-attur jgħid li dan wkoll naqas billi t-tobba li taħthom ingħata l-kura kienu negliġenti, traskurati u wrew nuqqas ta' ħila fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom;

Illi tajjeb jingħad li l-attur jibni l-każ tiegħu kontra l-Brigadier imħarrek fuq il-kwestjoni tal-kundizzjoni tar-roti tat-trakk li ntalab isuq u li bih ħabat u fih

korra. Fl-ewwel xiehda li huwa ta' quddiem il-Qorti, l-attur għamilha ċara li kien fetaħ il-kawża kontra l-Brigadier "peress li l-armata m'għandhiex inġenji u trakkijiet sura ta' nies … b'mod speċifiku ċjoe' in partikolari għat-trakk li kont qed insuq f'dan l-inċident jiena ngħid li l-kawża qed nagħmilha kontra l-brigadier peress li t-*tyres* kienu lixxi. Ngħid ukoll li ma kienx hemm *tyre* wieħed li kien tal-istess marka"[36]. L-attur itenni t-teżi tiegħu fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, fejn iżid jgħid li huwa kien imġiegħel isuq dak it-trakk minkejja li r-roti kienu fi stat li jagħmlu t-trakk mhux tajjeb li jinsaq u jkun fuq it-triq[37];

Illi min-naħa tiegħu, il-Brigadier imħarrek jiddefendi l-każ tiegħu fuq tlett difiżi. L-ewwel waħda li huwa pprovda t-taħriġ neċessarju sabiex l-attur seta' jaħdem mingħajr periklu. It-tieni, illi l-attur naqas li jsegwi il-proċedura mitluba minnu bħala sewwieq ta' trakk. It-tielet, li pprovda trakk fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Għaldaqstant m'għandux ħtija għal dak li seta' ġara lill-attur. Jgħid ukoll li safejn l-azzjoni attriċi tirreferi għal xi ħsara permanenti li ġrat minħabba l-kura jew l-interventi kirurġiċi li kellu joqgħod għalihom l-attur, dawn ukoll ma jistgħu bl-ebda mod jitqiegħdu fuq l-għatba tiegħu;

Illi t-Tabib Ewlieni tal-Gvern jilqa' billi jgħid li r-responsabbilita' tiegħu hija dik ta' "min iħaddem". L-attur ma ressaq ebda prova li t-Tabib Ewlieni tal-Gvern qabbad nies mhux kompetenti ("*culpa in eligendo*") jew kien responsabbli minn xi nuqqas ta' ħarsien ta' kif kienu qegħdin iwettqu l-ħidma professjonali tagħhom ("*culpa in vigilando*");

Illi l-Qorti sejra tibda billi tistħarreġ **il-kwestjoni tar-responsabbilta'** għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur. Kif issemma qabel, dan il-każ iġib 'il quddiem aspetti legali partikolari. Għalkemm, bħala qafas, l-azzjoni tal-atturi tinbena fuq ħabta bejn żewġ vetturi, l-allegazzjonijiet tal-atturi fil-konfront tal-imħarrkin imorru lil hinn mir-responsabbilta' tal-ħabta nnifisha. Minbarra dan, jidher li l-kwestjoni tal-ħtija għall-ħabta bejn il-vetturi llum tinsab determinata b'ġudikat minn Qorti li sabet li l-attur waħdu kien jaħti għaliha. Tqum għalhekk il-mistoqsija jekk il-fatt li l-attur instab minn Qorti li jaħti għall-inċident tfissirx tabilfors li l-imħarrkin ma għandhomx iwieġbu għax-xiljiet attriċi minħabba l-konsegwenzi li ġarrab l-attur bi ħtija għall-istess inċident. Għalhekk, l-għajn tar-responsabbilta' li l-atturi jgħabbu biha lill-imħarrkin trid tintfittex fuq parametri oħrajn. Din iċ-ċirkostanza partikolari wkoll tqajjem il-kwestjoni tar-rabta kawżali bejn l-inċident u l-effetti li l-attur jgħid li ġarrab minħabba fih;

[36] Xhieda tiegħu f'paġ. 22 tal-proċess
[37] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 298 u 299 tal-proċess

Illi għalhekk, minħabba l-mod kif inhi mfassla l-ewwel talba attriċi – li trid li l-imħarrkin jitqiesu li jaħtu għall-inċident li seħħ fit-22 ta' April, 2002, u kif ukoll għad-danni konsegwenzjali għalih – din il-Qorti trid timxi b'attenzjoni kbir fil-kunsiderazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Fi kliem ieħor, il-Qorti tifhem li l-addebiti magħmulin mill-atturi fil-konfront tal-Kap Kmandant imħarrek u tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern, ma jinbnewx fuq is-sempliċi ħtija akwiljana, imma fuq il-ħtija tal-inadempiment kuntrattwali. Dan għalhekk jitlob ukoll li tali stħarriġ isir b'mod li jara l-każ ta' kull wieħed mill-imħarrkin għal rasu;

Illi, għal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' tal-imħarrek Kap Kmandant tal-Forzi Armati, id-duttrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabbilta' għall-għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[38]. B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għall-aġir tal-ħaddiem tiegħu[39], sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[40] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[41];

Illi huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[42]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[43];

---

[38] Art. 1031 tal-Kap 16
[39] Art. 1037 tal-Kap 16
[40] Art. 6(2) tal-Kap 424
[41] Art. 6(3) tal-Kap 424
[42] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[43] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[44], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[45] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[46]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[47];

Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem mhijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[48], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[49];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol[50], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi mhux kontestat illi l-attur kien qed jagħmel dak li ġie mitlub biex jagħmel, jiġifieri li jsuq trakk tas-servizz, jgħabbi xi bugħaddasa fih u joħodhom Wied iż-Żurrieq. Ladarba wieħed jitkellem dwar ambjent fi ħdan il-Forzi Armati, wieħed jasal biex jaċċetta wkoll ċertu grad ta' ubbidjenza lejn l-ordnijiet li wieħed jingħata. Imma dan it-tħaris tal-ordnijiet mogħtijin lis-subaltern ma jfissirx li ordni jew ħatra trid titwettaq bil-għama jew bla ma wieħed jara jekk it-tħaris ta' ordni jew ħatra bħal dik tistax tqiegħed lil min jagħmilha f'periklu għal saħħtu jew saħħet ħaddieħor. Wara kollox, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, dak li l-attur tqabbad jagħmel kienet biċċa xogħol li ssir regolarment (il-ġarr ta' nies f'vettura tal-Armata), ma kenitx eżekuzzjoni ta' azzjoni militari miftuħa għal riskju jew it-tiġrib tal-kumbattiment u l-attur

[44] Art. 7(1) tal-Kap 424
[45] Art. 7(2) tal-Kap 424
[46] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd***
[47] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[48] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[49] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[50] App Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs. Dr Gerald Montanaro Gauċi noe***

innifsu jgħid li kien wettaqha drabi oħrajn qabel dakinhar, ukoll bħala parti mix-xogħol tiegħu fl-Armata;

Illi l-qofol tal-problema hu li l-attur jisħaq ħafna li dak li ġara meta tilef il-kontroll tat-trakk kien ħtija tal-fatt li r-roti tat-trakk kienu f'kundizzjoni ħażina u mlaqqtin b'mod li wħud kienu ta' għamla mod u oħrajn mod ieħor. Minkejja li mal-Forzi Armati l-attur kien jaħdem ta' bugħaddas fit-Taqsima tal-qerda tal-bombi, kien liċenzjat mill-istess Armata biex isuq vetturi tagħha. Mill-provi ħareġ li t-trakk inġab lejn Manoel Island lejliet l-inċident u nsaq hemm minn Ħal Far. L-attur spezzjona t-trakk u minn Manoel Island saqu sal-Port il-Kbir biex ġabar lill-baħrin Franċiżi u minn hemm saq lejn Wied iż-Żurrieq. Jidher li huma u sejrin lejn iż-Żurrieq raxxet ix-xita[51], u għalkemm l-attur ma kienx qed isuq b'veloċita' eċċessiva, it-trakk skiddja mal-ewwel liwja[52] fin-niżla lejn Wied iż-Żurrieq;

Illi l-fatt waħdu li karozza tiskiddja u taħbat f'ohra mhux, fih innifsu, mera tal-ħtija tas-sewwieq, għaliex l-iskid huwa fattur newtrali, li la hija difiza u anqas hija evidenza ta' negliġenza. Huwa meħtieg li wieħed jara x'kienu r-ragunijiet li wasslu karozza li tiskiddja[53]. Fil-kaz preżenti, l-attur jisħaq li t-trakk li kien qed isuq skiddja għax ir-roti kienu lixxi[54]. Fil-fehma tal-passiġġier li kien bilqiegħda fit-trakk ħdejn l-attur, it-trakk skiddja sewwasew minħabba x-xita[55]. L-attur ressaq ukoll prova dokumentali li turi f'liema qagħda kienu r-roti tat-trakk li ntalab isuq[56]. F'kelma waħda, l-attur saq vettura li poġġiet lill-ħajtu fil-periklu; L-attur iressaq bħala xhud "*salesman*" ma' kumpannija li tbigħ ir-roti tal-karozzi. Huwa jgħid li l-attur ħadu jara t-trakk u rriżultalu li ebda wieħed mit-*tyres* ma kien bħall-ieħor, kif ukoll li wħud minnhom kienu lixxi[57];

Illi huwa minn ewl id-dinja li meta tkun ix-xita, specjalment jekk tkun għadha kemm bdiet nieżla jew jekk tkun qed traxxax, huwa aktar possibbli li vettura tiskiddja jekk is-sewqan ma jkunx wieħed bil-galbu u għalhekk dan jitlob sewqan ħafna aktar prudenti f'dawk il-kundizzjonijiet. F'dan ir-rigward l-attur ressaq bħala prova lill-passiġġier li kien bil-qiegħda ħdejh fit-trakk u li xehed li l-attur kien qed isuq bil-ħamsa u għoxrin (25) kilometru dak il-ħin li waslu għal-liwja u t-trakk beda jiskiddja[58];

---

[51] Xhieda tal-attur f'paġ. 21 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Jeffrey Curmi f'paġ. 111 tal-proċess u ta' Tony Bonello f'paġ. 61 tal-proċess
[52] Xhieda ta' Tony Bonello f'paġ. 62 tal-proċess
[53] App. Ċiv. **21.01.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***A L M Enterprises Limited vs Prof. Roger Ellul Micallef et*** (mhix pubblikata)
[54] Bħala eżempji ta' raġunijiet meqjusin bħala negliġenza l-Qorti ssemmi sewqan żejjed, applikazzjoni għall-għarrieda tal-*brakes*, roti bil-fili mikulin, fost oħrajn. Ara f'dan is-sens App. Ċiv (Inf) DS **28.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Grace Ebejer vs. Christopher Gatt***
[55] *Ibid.*
[56] Ara r-ritratti mmarkati bħala Dokti. "X1" sa "X13" f'paġġ. 55 – 61 tal-proċess
[57] Ara x-xhieda ta' Joseph Borġ f'paġġ. 72 – 6 tal-proċess
[58] Ara x-xhieda ta' Tony Bonello f'paġ. 61 tal-proċess

Illi għax-xiljiet tal-attur, il-Kap Kmandant imħarrek ressaq il-prova li ftit jiem biss qabel l-inċident, it-trakk li bih ħabat l-attur kien sar fuqu *service* u ġie ċertifikat li kien tajjeb biex jinstaq fit-triq[59], u li bejn id-data tas-*service* u l-inċident, l-istess trakk instaq minn diversi uffiċjali u ħadd ma ilmenta minn xi nuqqas[60]. Jiċħad li r-roti li jidhru fuq ir-ritratti tat-trakk eżebiti mill-attur huma l-istess roti meta t-trakk għadda mill-ispezzjoni[61]. Min-naħa l-oħra ma ġiex ippruvat li t-trakk ma baqax taħt il-kustodja tiegħu jew ta xi raġuni tajba għaliex xiħadd kellu għalfejn jibdel ir-roti u jqiegħed oħrajn minflokhom, ladarba t-trakk kien dikjarat mhux tajjeb aktar biex jinstaq u mħolli għall-"i*scrap*";

Illi l-Kap Kmandant imħarrek jgħid ukoll li biex persuna setgħet issuq trakk riedet tkun imħarrġa u tingħata liċenzja, u fost dan it-taħriġ is-sewwieqa ġew mgħallma kif għandhom isuqu trakk ta' din l-għamla u xi prekawzjonijiet iridu jieħdu qabel ma jibdew isuqu, fosthom li jiċċekkjaw ir-roti tat-trakk, kif ukoll prekawzjonijiet li riedu jieħdu waqt is-sewqan[62]. L-attur jgħid li r-roti ma vverifikahomx għaliex dan mhux xogħlu, għalkemm jgħid li ivverifika affarijiet oħra fuq it-trakk qabel ma beda jsuq[63];

Illi l-Qorti tqis ukoll li kien mistenni mill-Brigadier imħarrek li jinduna b'dak li kien qed jiġri jew li jipprovdi għal ċerti nuqqasijiet tal-ħaddiema li ta' sikwit ikollhom tendenza minħabba familjarita` żejda max-xoghol, li jittraskuraw riskji inerenti fix-xoghol tagħhom[64]. F'kelma waħda, it-taħriġ waħdu mhix difiża tajba biżżejjed biex teħles lill-Brigadier imħarrek mill-ħtieġa ta' superviżjoni għaliex ebda taħriġ u ebda tiswija minn qabel ma huma biżżejjed biex jeħles lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem bis-superviżjoni xierqa minn persuna ta' ħila, u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident[65];

Illi filwaqt li dawn il-kunsiderazzjonijiet u l-provi mressqa fl-atti tal-kawża jagħtu siwi għall-pretensjonijiet tal-atturi dwar xi forma ta' responsabbilta' tal-Kap Kmandant imħarrek fir-rwol tiegħu ta' prinċipal tal-attur, il-Qorti trid tqis ukoll l-istampa kollha li toħroġ mill-fatti mressqa u tara s-sehem li kellu l-attur f'dak li ġara;

Illi huwa aċċettat li, fil-qasam tad-dritt dwar il-ħtija u d-danni, ukoll jekk f'qafas kuntrattwali bħalma huwa l-kuntratt tal-impieg, jekk il-parti mġarrba tkun għażlet minn rajha li tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu, ma tistax, imbagħad,

---

[59] Ara x-xhieda ta' Raymond Catania f'paġ. 193 u dok. "RC1" f'paġ. 201 tal-proċess
[60] Ara x-xhieda ta' Martin Vella f'paġ. 211 u Dok. "SD2" – Dok. "SD4" f'paġġ. 227 – 9 tal-proċess
[61] Ara x-xhieda ta' Raymond Catania f'paġ. 197 tal-proċess
[62] Ara x-xhieda ta' Martin Vella f'paġġ. 211 u 218 tal-proċess. Ara wkoll Dok "SD1" f'paġ. 221 – 6 tal-proċess
[63] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 21 – 2 tal-proċess
[64] App. Ċiv. **15.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells et noe***
[65] P.A. TM **19.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Spiteri vs Jesmond Micallef pro et noe*** (mhix appellata)

titlob il-kumpens għal dak li jista' jiġrilha minħabba dak l-istess periklu (ir-regola li "*volenti non fit iniuria*")[66];

Illi huwa magħruf ukoll li persuna, minkejja li ma tkunx għal kollox ikkawżat il-periklu, tista' madankollu tkun tat sehem biex dan iseħħ. F'każ bħal dan, dak is-sehem jew kontributorjeta' jnaqqas, xi ftit jew għal kollox, mill-ħtija tal-persuna li tkun tat lok għall-ġrajja li ġabet il-ħsara[67];

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tkun tgħodd dik ir-regola, jrid jintwera li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih[68]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-għemil tal-parti l-oħra[69]. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[70];

Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[71]. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab[72]. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[73]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[74], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[75]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet

[66] Ara App. Ċiv. **28.4.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. et***

[67] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Josef Farruġia vs Christopher Carabott et***; u App. Ċiv. **28.2.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Azzopardi vs Andrew Bird***

[68] Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)

[69] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)

[70] P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)

[71] Art. 1031 tal-Kap 16

[72] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix pubblikata)

[73] Art. 1051 tal-Kap 16

[74] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)

[75] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***

ikkawżat dik il-ħsara[76]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu[77];

Illi l-Qorti qiegħda żżomm f'moħħha li l-atturi jorbtu r-responsabbilta' tal-imħarrek Kap Kmandant mal-kundizzjoni tar-roti tat-trakk u mal-periklu li dan ġab lil kull min kien juża dik il-vettura u mal-ġrieħi li l-attur ġarrab talli kien qiegħed isuq dik il-vettura. Il-Qorti tqis li din l-insistenza ewlenija u mtennija min-naħa tal-atturi hija fattur determinanti għall-kwestjoni tas-sejbien ta' ħtija f'dan il-każ għaliex prattikament torbot ix-xiljiet tagħhom kollha ma' dik iċ-ċirkostanza partikolari;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti lesta toqgħod mal-provi mressqa mill-attur dwar il-kundizzjoni tar-roti tat-trakk u ma jidhrilhiex li għandha tilqa' l-provi[78], l-argumenti tal-imħarrek Kap Kmandant jew is-sottomissjonijiet imressqin minnu dwar jekk ir-roti murija fil-provi dokumentali fl-atti setgħux inbidlu wara l-ħabta. Mix-xhieda li tressqu mill-attur[79], ħareġ li l-qagħda ta' dawk ir-roti ma kinitx waħda aċċettabbli u kienet, fuq kollox, waħda li tidher mad-daqqa t'għajn. Iżda huwa sewwasew minħabba f'hekk li l-Qorti tara li l-attur tefa' l-ġebla fuq saqajh u tgħabba bir-responsabbilta' ta' dak li ġara u li ġara lilu. Kien jaqa' fuqu li jara li, qabel ma jibda l-vjaġġ, it-trakk ikun f'kundizzjoni tajba. Dan joħroġ mill-prattika u r-regolamenti tax-xogħol tiegħu. Il-manwali jistabilixxu li r-responsabbilta' tal-verifika tal-kundizzjoni tar-roti taqa' fuq min ikun ser jużaha. L-attur jikxef element qawwi ta' traskuraġni meta jgħid li qabel ma beda l-vjaġġ ma rax il-kundizzjoni tar-roti tat-trakk li ntalab isuq jew li ma kenitx parti mix-xogħol tiegħu li jivverifika l-kundizzjoni tagħhom qabel jibda l-vjaġġ. Il-Qorti tqis li dan l-atteġġament jixhed li l-attur kien għażel li jinjora r-regoli ta' mġiba stabbiliti u ma tax każ jekk b'li kien qiegħed jagħmel

---

[76] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***
[77] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***
[78] Ara, b'mod partikolari x-xhieda ta' Raymond Catania f'paġ. 198 tal-proċess
[79] Ara x-xhieda ta' Joseph Borġ, Aronne Cacciottolo u Martin Vella f'paġġ. 73, 125 u 214 – 6 tal-proċess

kienx qiegħed jesponi ruħu u lil ħaddieħor għall-periklu. Għażel ukoll li ma jarax dak li kien jidher u li issa jilminta minnu;

Illi l-Qorti tqis li, ladarba l-attur isejjes il-każ tiegħu sewwasew fuq din iċ-ċirkostanza, fuq dik iċ-ċirkostanza għandha tqis is-siwi tal-każ tiegħu. Ma hemmx kawżali oħra li l-atturi jistrieħu fuqha. Għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li dak li ġara lill-attur kien ir-riżultat ta' attitudni li ġabha b'idejh u hija daqstant determinanti li xxejjen għal kollox il-piż tar-responsabbilta' li seta' kellu l-imħarrek Kap Kmandant bħala prinċipal tal-attur;

Illi jekk minħabba din il-konsiderazzjoni l-Qorti qiegħda tasal biex issib li l-imħarrek Kap Kmandant ma jistax jinstab ħati tal-ħsara li ġarrab l-attur, aktar u aktar jista' jingħad hekk għal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' ssemmi l-kunsiderazzjonijiet u r-raġunijiet li wassluha biex ma ssibx ħtija fil-imħarrek Kap Kmandant. Tgħid ukoll li, mill-provi mressqa mill-attur, ma ntweriex li l-kura li ngħata għall-ġrieħi li ġarrab fil-ħabta tmexxiet b'nuqqas ta' ħila jew kienet il-frott ta' traskuraġni. Minn dak li ħareġ mill-provi, dak li għadda minnu l-attur kien prevedibbli f'każijiet ta' ġrieħi bħalma kienu dawk li ġarrab fil-ħabta, u li, kif ingħad qabel, il-Qorti qiegħda tqis li jaħti għaliha l-istess attur;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi mhijiex mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha;

Illi dan ifisser li lanqas ma jistgħu jintlaqgħu it-talbiet attriċi l-oħrajn minħabba li huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda. Lanqas ma huwa l-każ li toqgħod tistħarreġ il-kwestjonijiet "preliminari" ta' jekk mart l-attur messhiex kienet parti fil-kawża jew jekk l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, għaliex, fid-dawl ta' dak li ssemma qabel, ikun eżerċizzju bla siwi prattiku li ma jibdel xejn mill-konsegwenzi tal-kunsiderazzjoni ewlenija li sabet li l-attur kien jaħti għal dak li seħħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-attur waħdu kien jaħti għall-inċident li seħħ f'Wied iż-Żurrieq fit-22 ta' April, 2002, u li l-imħarrkin bl-ebd mod ma ikkontribwew għall-istess jew għall-konsegwenzi tiegħu;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**30 ta' Novembru, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**30 ta' Novembru, 2017**